



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 443 final

ANNEX 2 – PART 1/3

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada,
minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra**

ANNESS 2-A

TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Anness inkluża l-Iskeda tal-Parti għal dan l-Anness, Sena 1 tfisser il-perjodu ta' żmien mill-bidu tad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u li tispiċċa fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja li fiha dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ. Is-Sena 2 tibda fl-1 ta' Jannar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'kull tnaqqis tat-tariffi sussegwenti jkollu effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena sussegwenti.
2. Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor fl-Anness, il-Partijiet jeliminaw id-dazji doganali kollha fil-prodotti oriġinarji, ta' Kapitoli 1 sa 97 tas-Sistema Armonizzata li jipprovdu għal rata tad-dazju doganali tan-nazzjon l-iktar iffavorit ("MFN"), importati mill-Parti l-oħra mad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
3. Għal prodotti li joriġinaw mill-Parti l-oħra stabbiliti fl-Iskeda ta' kull Parti għal dan l-Anness, il-kategoriji tal-fażijiet li ġejjin japplikaw għat-tneħħija ta' dazji doganali minn kull parti skont l-Artikolu 2.4:
 - (a) dazji fuq il-prodotti oriġinarji stipulati fl-entrati fil-kategorija tal-fażijiet A fi Skeda ta' Parti se jitneħħew fid-data li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
 - (b) dazji fuq prodotti oriġinarji msemmin fl-entrati fil-kategorija tal-fażijiet B fi Skeda ta' Parti jitneħħew f'erba' fażijiet ugwali li jibdew fid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, u prodotti bħal dawn ikunu ħielsa minn kull dazju mill-1 ta' Jannar tas-Sena 4;
 - (c) dazji fuq prodotti oriġinarji msemmin fl-entrati fil-kategorija tal-fażijiet C fl-Iskeda ta' Parti jitneħħew f'sitt stadji ugwali li jibdew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u tali prodotti jkunu ħielsa mid-dazju, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' Sena 6;

- (d) dazji fuq prodotti oriġinarji msemmin fl-entrati fil-kategorija tal-fażijiet D fl-Iskeda ta' Parti jitneħħew fi tmin fażijiet ugwali li jibdw fid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, u tali prodotti jkunu ħielsa minn kull dazju, b'effett mill-1 ta' Jannar tas-Sena 8;

Għal iktar ċertezza, meta l-Unjoni Ewropea tapplika dazju doganali għall-entrati 1001 11 00, 1001 19 00, qamħ komuni ta' kwalità għolja tal-entrati ex 1001 91 90, u ex 1001 99 00, 1002 10 00 u 1002 90 00, fl-livell u manjiera li l-prezz ta' importazzjoni bid-dazju mħallas għal ċereal speċifikat ma jkunx ikbar mill-prezz ta' intervenzjoni effettiva, jew jekk hemm modifika tas-sistema attwali, il-prezz ta' appoġġ effettiv, miżjud b'55 fil-mija stabbilit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni (id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007¹, l-Unjoni Ewropea tapplika l-kategorija tal-fażijiet tat-tneħħija tat-tariffa fuq kwalunkwe dazju kkalkulat li jkun applikat skont ir-regolament imsemmi hawn fuq, kif ġej:

Sena	Dazju Applikat
1	87,5 % tad-dazju kkalkulat skont ir-Reg. KE 642/2010
2	75 % tad-dazju kkalkulat skont ir-Reg. KE 642/2010
3	62,5 % tad-dazju kkalkulat skont ir-Reg. KE 642/2010
4	50 % tad-dazju kkalkulat skont ir-Reg. KE 642/2010
5	37,5 % tad-dazju kkalkulat skont ir-Reg. KE 642/2010
6	25 % tad-dazju kkalkulat skont ir-Reg. KE 642/2010
7	12,5 % tad-dazju kkalkulat skont ir-Reg. KE 642/2010
8 u kull sena sussegwenti	0 % tad-dazju kkalkulat skont ir-Reg. KE 642/2010 (mingħajr dazju)

¹ ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5.

- (e) dazji fuq prodotti oriġinarji msemija fl-entrati fil-kategorija tal-fażijiet S fl-Iskeda ta' Parti jitneħħew fi tliet stadji ugwali li jibdw mill-ħames anniversarju tad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u tali prodotti jkunu ħielsa mid-dazju, b'effett mill-1 ta' Jannar tas-Sena 8;
 - (f) l-element *ad valorem* tad-dazji doganali fuq il-prodotti oriġinarji stipulati fl-entrati fil-kategorija tal-fażijiet "AV0 + EP" fl-Iskeda ta' Parti jitneħħew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; it-tneħħija tat-tariffi tapplika għad-dazju *ad valorem* biss; jinżamm id-dazju speċifiku li jirriżulta mis-sistema tal-prezz tad-dħul applikabbli għal dawn il-prodotti oriġinarji; u
 - (g) dazji fuq il-prodotti oriġinarji stipulati fl-entrati fil-kategorija tal-fażijiet E fl-Iskeda ta' Parti huma eżentati mit-tneħħija tat-tariffi.
4. Ir-rata bażi għad-determinazzjoni tar-rata tal-istadji interim tad-dazju doganali għal linja tariffarja tkun ir-rata tad-dazju doganali MFN applikata fid-9 ta' Ġunju 2009.
 5. Għall-għan tat-tneħħija tad-dazji doganali skont l-Artikolu 2.4, rati tal-istadji interim jitqarrbu għal mill-inqas l-eqreb deċimu ta' punt perċentwali jew, jekk ir-rata tad-dazju tkun espressa f'unitajiet monetarji, għallinqas sal-eqreb 0.001 tal-unità monetarja uffiċjali tal-Parti.

Kwoti Tariffarji

6. Għall-amministrazzjoni f'Sena 1 ta' kull kwota tariffarja stabbilita skont dan il-Ftehim, il-Partijiet jikkalkulaw il-volum ta' dik il-kwota tariffarja billi jnaqqsu l-volum proratat li jikkorrispondi għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Din il-kwantità kkalkulata fil-kwota tkun disponibbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Kwota tariffarja tranżizzjonali tal-gambli pproċessati

7. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TQShrimps" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (d) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi) ²
1 sa 7	23 000

- (b) L-Unjoni Ewropea għandha:
- (i) tamministra din il-kwota tariffarja fuq bażi ta' min japplika l-ewwel;
 - (ii) tamministra din il-kwota tariffarja fuq bażi ta' sena kalendarja bil-kwantità sħiħa kkalkulata fil-kwota li ssir disponibbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena; u
 - (iii) ma timponi l-ebda restrizzjoni tal-użu aħħari fuq il-prodotti importati bħala kundizzjoni tal-applikazzjoni għal jew għall-użu ta' din il-kwota tariffarja.
- (c) Gambli u gambli kbar ippreparati u ppreservati esportati mill-Kanada skont it-Taqsima B tal-Appendiċi 1 (Kwoti tal-Orġini) għal Anness 5 (Regoli tal-Orġini Speċifiċi għall-Prodott) tal-Protokoll dwar ir-Regoli tal-Orġini u Proċedura ta' Orġini ma jiġux importati fl-Unjoni Ewropea skont din il-kwota tariffarja.
- (d) Subparagrafi (a) u (b) japplikaw għal gambli pproċessati kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 1605 29 00, 1605 21 90, ex 0306 16 10, ex 0306 17 10, ex 0306 26 10, u ex 0306 27 10, esklużi f'pakki diretti ta' kontenut nett li ma jaqbiżx iż-2 kg.

² Espresso f'piż nett.

Kwota tariffarja tranżizzjonali tal-merluzz iffriżat

8. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TQCod" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (c) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi) ³
1 sa 7	1 000

- (b) L-Unjoni Ewropea għandha:
- (i) tamministra din il-kwota tariffarja fuq bażi ta' min japplika l-ewwel;
 - (ii) tamministra din il-kwota tariffarja fuq bażi ta' sena kalendarja bil-kwantità sħiħa kkalkulata fil-kwota li ssir disponibbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena; u
 - (iii) ma timponi l-ebda restrizzjoni speċifika tal-użu aħħari fuq il-prodotti importati bħala kundizzjoni tal-applikazzjoni għal jew għall-użu ta' din il-kwota tariffarja.
- (c) Dan il-paragrafu japplika għall-merluzz iffriżat, ikklassifikat fil-lini tariffarji 0304 71 90 u 0304 79 10

³ Espresso f'piż nett.

Kwota tariffarja tranżizzjonali tal-Qamħ Komuni ta' Kwalità Baxxa u Medja

9. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TQCW" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (d) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi)
1 sa 7	100 000

- (b) L-Unjoni Ewropea tamministra din il-kwota tariffarja skont it-termini tar-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008 tat-30 ta' Ottubru 2008.
- (c) Il-kwantitajiet ħielsa mid-dazju aggregati ta' hawn fuq jinkludu, fil-bidu tas-Sena 1, l-allokazzjoni ta' 38 853 tunnellata lill-Kanada kif stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008.
- (d) Dan il-paragrafu japplika għall-qamħ komuni ta' kwalità, li mhijiex kwalità għolja, ikklassifikat fil-lini tariffarji *ex* 1001 91 90 u *ex* 1001 99 00.

Kwota Tariffarja tal-Qamħ Ħelu

10. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TQSC" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (c) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi ⁴)
1	1 333
2	2 667
3	4 000
4	5 333
5	6 667
6 u kull sena sussegwenti	8 000

- (b) L-Unjoni Ewropea għandha:
- (i) tamministra din il-kwota tariffarja fuq bażi ta' min japplika l-ewwel; u
 - (ii) tamministra din il-kwota tariffarja fuq bażi ta' sena kalendarja bil-kwantità sħiħa kkalkulata fil-kwota li ssir disponibbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena.
- (c) Dan il-paragrafu japplika għal-linji tariffarji li ġejjin: 0710 40 00 (disponibbli biss matul il-perjodu ta' żmien qabel it-tneħħija ta' dazji għal tali prodott skont il-kategorija tal-fażijiet applikabbli għal din l-entrata fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea għal dan l-Anness) u 2005 80 00.

⁴ Espresso f'piż nett.

Kwota Tariffarja tal-Bison

11. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TQCW" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (d) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi - Piż ta' Karkassi Ekwivalenti)
1 u kull sena sussegwenti	3 000

- (b) Meta jiġu kkalkulati l-kwantitajiet importati, il-fatturi tal-konverżjoni speċifikati fil-paragrafu 21 jintużaw biex jikkonvertu l-Piż tal-Prodott għall-Piż ta' Karkassi Ekwivalenti.
- (c) L-Unjoni Ewropea:
- (i) tamministra din il-kwota tariffarja fuq bażi ta' min japplika l-ewwel; u
 - (ii) tamministra din il-kwota tariffarja fuq bażi ta' sena kalendarja bil-kwantità sħiħa kkalkulata fil-kwota li ssir disponibbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena.
- (d) Dan il-paragrafu japplika għall-bison fil-linji tariffarji li ġejjin:
ex 0201 10 00, ex 0201 20 20, ex 0201 20 30, ex 0201 20 50, ex 0201 20 90, ex 0201 30 00, ex 0202 10 00, ex 0202 20 10, ex 0202 20 30, ex 0202 20 50, ex 0202 20 90, ex 0202 30 10, ex 0202 30 50, ex 0202 30 90, ex 0206 10 95, ex 0206 29 91, ex 0210 20 10, ex 0210 20 90, ex 0210 99 51, ex 0210 99 59

Kwota Tariffarja għaċ-Ċanga u l-Vitella Friska jew Imkessħa

12. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TQB1" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (f) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi - Piż ta' Karkassi Ekwivalenti)
1	5 140
2	10 280
3	15 420
4	20 560
5	25 700
6 u kull sena sussegwenti	30 840

- (b) Il-kwantitajiet ħielsa mid-dazju annwali aggregati fit-tabella ta' hawn fuq jiżdiedu, billi jibdw minn Sena 1, b'piż tal-prodott ta' 3 200 tonnollata metrika (4 160 tonnollata metrika ta' piż ta' karkassi ekwivalenti) li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-Regolament tla-Kunsill (KE) Nru 617/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja
- (c) Meta jiġu kkalkulati l-kwantitajiet importati, il-fatturi tal-konverżjoni speċifikati fil-paragrafu 21 jintużaw biex jikkonvertu l-Piż tal-Prodott għall-Piż ta' Karkassi Ekwivalenti.

- (d) L-Unjoni Ewropea tamministra din il-kwota tariffarja, inklużi l-kwantitajiet addizzjonali kif deskritti fis-subparagrafu (b), jew permezz ta' sistema ta' liċenzjar tal-importazzjoni kif deskritta fid-Dikjarazzjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwota Tariffarja jew kif maqbul mod ieħor bejn il-Partijiet.
- (e) Minkejja s-subparagrafu (d), il-paragrafi 19 u 20 japplikaw għal dan il-paragrafu.
- (f) Dan il-paragrafu japplika għaċ-ċanga u l-vitella fil-linji tariffarji li ġejjin:
ex 0201 10 00, *ex* 0201 20 20, *ex* 0201 20 30, *ex* 0201 20 50, *ex* 0201 20 90,
ex 0201 30 00 u *ex* 0206 10 95.

Kwota Tariffarja għaċ-Ċanga u l-Vitella Friżata jew Oħra

13. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TQB2" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (e) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi - Piż ta' Karkassi Ekwivalenti)
1	2 500
2	5 000
3	7 500
4	10 000
5	12 500
6 u kull sena sussegwenti	15 000

- (b) Meta jiġu kkalkulati l-kwantitajiet importati, il-fatturi tal-konverżjoni speċifikati fil-paragrafu 21 jintużaw biex jikkonvertu l-Piż tal-Prodott għall-Piż ta' Karkassi Ekwivalenti.
- (c) L-Unjoni Ewropea tamministra din il-kwota tariffarja jew permezz ta' sistema ta' liċenzjar tal-importazzjoni kif deskritta fid-Dikjarazzjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwota Tariffarja jew kif maqbul mod ieħor bejn il-Partijiet.
- (d) Minkejja s-subparagrafu (d), il-paragrafi 19 u 20 japplikaw għal dan il-paragrafu.
- (e) Dan il-paragrafu japplika għaċ-ċanga u l-vitella fil-linji tariffarji li ġejjin:
ex 0202 10 00, ex 0202 20 10, ex 0202 20 30, ex 0202 20 50, ex 0202 20 90,
ex 0202 30 10, ex 0202 30 50, ex 0202 30 90, ex 0206 29 91, ex 0210 20 10,
ex 0210 20 90, ex 0210 99 51 u ex 0210 99 59.

Kwota Tariffarja għal-Laħam Frisk, Imkessaħ u Ffriżat ta' Kwalità Għolja tal-Annimali tal-Ifrat

14. Prodotti oriġinarji li huma esportati mill-Kanada u importati fl-Unjoni Ewropea permezz tal-kwota tariffarja WTO eżistenti tal-Unjoni Ewropea għal-laħam frisk, imkessaħ u ffrizāt ta' kwalità għolja ta' annimali tal-ifrat kopert mill-intestaturi tariffarji tan-NM *ex 0201* u *ex 0202* u għall-prodotti koperti mil-linji tariffarji tan-NM *ex 0206 10 95* u *ex 0206 29 91* ta' piż tal-prodott ta' 11 500 tonnellata, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2013 tal-21 ta' Ġunju 2013, ikunu ħielsa mid-dazju fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Kwota Tariffarja tal-Majjal

15. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TQP" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (f) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi - Piż ta' Karkassi Ekwivalenti)
1	12 500
2	25 000
3	37 500
4	50 000
5	62 500
6 u kull sena sussegwenti	75 000

- (b) Il-kwantitajiet ħielsa mid-dazju annwali aggregati fit-tabella ta' hawn fuq jiżdiedu, billi jibdw minn Sena 1, b'piż tal-prodott ta' 4 624 tunnellata metrika (5 549 tunnellata metrika ta' piż ta' karkassi ekwivalenti) skont il-volum stabbilit fil-kwota tariffarja għal-laħam tal-majjal fil-WTO tal-Unjoni Ewropea speċifiku għall-Kanada.
- (c) Meta jiġu kkalkulati l-kwantitajiet importati, il-fatturi tal-konverżjoni speċifikati fil-paragrafu 21 jintużaw biex jikkonvertu l-Piż tal-Prodott għall-Piż ta' Karkassi Ekwivalenti.

- (d) L-Unjoni Ewropea tamministra din il-kwota tariffarja, inklużi l-kwantitajiet addizzjonali mill-kwota tariffarja għal-laħam tal-majjal tad-WTO tal-Unjoni Ewropea speċifiku għall-Kanada kif deskritt fis-subparagrafu (b), jew permezz ta' sistema ta' liċenzjar tal-importazzjoni kif deskritta fid-Dikjarazzjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwota Tariffarja jew kif maqbul mod ieħor bejn il-Partijiet.
- (e) Minkejja s-subparagrafu (d), il-paragrafi 19 u 20 japplikaw għal dan il-paragrafu.
- (f) Dan il-paragrafu japplika għal-linji tariffarji li ġejjin:
0203 12 11, 0203 12 19, 0203 19 11, 0203 19 13, 0203 19 15, 0203 19 55, 0203 19 59, 0203 22 11, 0203 22 19, 0203 29 11, 0203 29 13, 0203 29 15, 0203 29 55, 0203 29 59, 0210 11 11, 0210 11 19, 0210 11 31, u 0210 11 39.

Kwota Tariffarja tal-Ġobon

16. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TRQ Cheese" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (d) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi ⁵)
1	2 667
2	5 333
3	8 000
4	10 667
5	13 333
6 u kull sena sussegwenti	16 000

⁵ Espresso f'piż nett.

- (b) Il-Kanada tamministra din il-kwota tariffarja jew permezz ta' sistema ta' liċenzjar tal-importazzjoni kif deskritta fid-Dikjarazzjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwota Tariffarja jew kif maqbul mod ieħor bejn il-Partijiet.
- (c) Minkejja s-subparagrafu (b), il-paragrafi 19 u 20 japplikaw għal dan il-paragrafu.
- (d) Dan il-paragrafu japplika għal-linji tariffarji li ġejjin:
0406.10.10, 0406.20.11, 0406.20.91, 0406.30.10, 0406.40.10, 0406.90.11, 0406.90.21, 0406.90.31, 0406.90.41, 0406.90.51, 0406.90.61, 0406.90.71, 0406.90.81, 0406.90.91, 0406.90.93, 0406.90.95, u 0406.90.98.

Kwota Tariffarja tal-Ġobon Industrijali

17. (a) Prodotti oriġinarji fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-nota "TRQ Industrial Cheese" fl-Iskeda għal dan l-Anness tal-Unjoni Ewropea u elenkati fis-subparagrafu (d) ikunu mingħajr dazju fis-snin speċifikati hawn taħt:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (Tunnellati Metriċi ⁶)
1	283
2	567
3	850
4	1 133
5	1 417
6 u kull sena sussegwenti	1 700

⁶ Espresso f'piż nett.

- (b) Il-Kanada tamministra din il-kwota tariffarja jew permezz ta' sistema ta' liċenzjar tal-importazzjoni kif deskritta fid-Dikjarazzjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwota Tariffarja jew kif maqbul mod ieħor bejn il-Partijiet.
- (c) Minkejja s-subparagrafu (b), il-paragrafi 19 u 20 japplikaw għal dan il-paragrafu.
- (d) Dan il-paragrafu japplika għall-ġobon industrijali, li huwa ġobon użat bħala ingredjent għal proċessar alimentari ulterjuri (manifattura sekondarja) importat bl-ingrossa (mhux għal bejgħ bl-imnut), ikklassifikat fil-linji tariffarji li ġejjin:
ex 0406.10.10, ex 0406.20.11, ex 0406.20.91, ex 0406.30.10, ex 0406.40.10, ex 0406.90.11, ex 0406.90.21, ex 0406.90.31, ex 0406.90.41, ex 0406.90.51, ex 0406.90.61, ex 0406.90.71, ex 0406.90.81, ex 0406.90.91, ex 0406.90.93, ex 0406.90.95, u ex 0406.90.98.

Kwota Tariffarja tad-WTO tal-Ġobon

- 18. Il-Kanada tirrialloka, mis-Sena 1 ta' dan il-Ftehim, 800 tonnelli tal-Kwota Tariffarja tad-WTO għall-ġobon mill-20 411 866 kilogramm tal-Kanada għall-Unjoni Ewropea.

Mekkaniżmu ta' nuqqas ta' użu

- 19. Fir-rigward tal-kwoti tariffarji stabbiliti fil-paragrafi 12, 13, 15, 16, u 17:
 - (a) Jekk kwota tariffarja ma tintużax biżżejjed, jiġifieri inqas minn 75 fil-mija tal-kwantità aggregata annwali realment importata fil-Parti skont il-kwota tariffarja f'sena, il-Partijiet jiltaqgħu, fuq talba minn Parti, fil-qafas tal-Kumitat dwar l-Agrikoltura stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1 (a) (Kumitati speċjalizzati) sabiex jindirizzaw minnufih il-kawżi sottostanti tan-nuqqas ta' użu jew kwalunkwe mistoqsijiet oħrajn li jaffettwaw l-operat mingħajr xkiel tal-kwota tariffarja.

- (b) Jekk kwota tariffarja ma tintużax biżżejjed, jiġifieri inqas minn 75 fil-mija tal-kwantità aggregata annwali realment importata fil-Parti skont il-kwota tariffarja f'sena għal tliet snin konsekuttivi, u fejn tali nuqqas ta' użu mhuwiex marbut ma' nuqqas ta' provvista jew domanda tal-prodott rilevanti, l-amministrazzjoni tal-kwota għas-sena/snin li ġejjin issir fuq bażi ta' min japplika l-ewwel. Biex turi nuqqas ta' provvista jew domanda, Parti turi b'mod ċar fuq bażi kwantifikabbli li jew mhijiex disponibbli biżżejjed provvista biex timtela' l-kwota tariffarja fil-pajjiż tal-esportazzjoni jew li l-kwantità tal-kwota tariffarja ma setgħetx tintuża fis-suq li jimporta. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar ir-raġunijiet li jwasslu għal nuqqas ta' użu, il-kwistjoni tkun suġġetta għal arbitraġġ vinkolanti fuq talba ta' Parti.
- (c) Jekk wara n-nuqqas ta' użu msemmi fis-subparagrafu (b), ikun hemm użu sħiħ tal-kwota tariffarja, jiġifieri 90 fil-mija jew iktar tal-kwantità aggregata annwali importata fil-Parti skont il-kwota tariffarja f'sena għal sentejn konsekuttivi, il-Partijiet jistgħu jikkunsidraw li jmorru lura għal sistema ta' liċenzjar wara konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet dwar in-neċessità u l-opportunità ta' tali riverżjoni u dwar il-karatteristiċi ta' tali sistema ta' liċenzjar.

Klawsola ta' rieżami

20. (a) B'rispett għall-kwoti tariffarji stabbiliti fil-paragrafi 12, 13, 15, 16, u 17, kemm fit-terminu medju kif ukoll fl-aħħar tal-perjodu ta' introduzzjoni progressiva ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-kwoti tariffarji, jew fi kwalunkwe ħin ieħor fuq talba motivata ta' Parti, il-Partijiet jirrieżaminaw l-operat tas-sistema ta' amministrazzjoni tal-kwota tariffarja rilevanti fid-dawl tal-effettività tagħha fl-iżgurar tal-użu tal-kwota, il-kundizzjonijiet tas-suq, u l-ostakoli amministrattivi assoċjati mas-sistema għall-operaturi ekonomiċi u għall-Partijiet.

- (b) Fir-rigward tal-kwoti tariffarji stabbiliti fil-paragrafi 16 u 17, ir-rieżami msemmi fis-subparagrafu (a) jinkludi wkoll il-metodu tal-allokazzjoni li jippermetti parteċipanti ġodda.
- (c) Fir-rigward tal-kwoti tariffarji stabbiliti fil-paragrafi 12, 13, u 15, ir-rieżami msemmi fis-subparagrafu (a) jinkludi wkoll il-konsegwenzi ta' kwalunkwe modalitajiet tal-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja maqbula ma' pajjiż terz għall-istess prodotti fil-qafas ta' negozjati kummerċjali oħrajn li jinvolvu l-Partijiet u jinkludi l-possibbiltà ta' għażla għall-Parti li tesporta li tbiddel l-approċċ maqbul fi ftehim ieħor. Il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-Amerika ta' Fuq se jkunu parti neċessarja tar-rieżami.

Fatturi tal-Konverżjoni

21. Fir-rigward tal-kwoti tariffarji stabbiliti fil-paragrafi 11, 12, 13, u 15, il-fatturi tal-konverżjoni segwenti jintużaw biex jiġi konvertit il-Piż tal-Prodott għal Piż tal-Karkassi Ekwivalenti:

- (a) Kwoti Tariffarji stabbiliti fil-paragrafi 11, 12, u 13:

Linja tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0201 10 00	Karkassi u nofs karkassi ta' annimali tal-ifrat, friski jew imkessħin	100 %
0201 20 20	Kwarti "kumpensati" ta' annimali tal-ifrat bil-għadma, friski jew imkessħin	100 %

Linja tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0201 20 30	Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin ta' annimali tal-ifrat, bil-għadma, friski jew imkessħin	100 %
0201 20 50	Kwarti ta' wara mifrudin jew mhux mifrudin ta' annimali tal-ifrat, bil-għadma, friski jew imkessħin	100 %
0201 20 90	Qatgħat ta' annimali tal-ifrat friski jew imkessħin, bil-għadma (minbarra karkassi u nofs karkassi, "kwarti kumpensati", kwarti ta' quddiem u kwarti ta' wara)	100 %
0201 30 00	Laħam ta' annimali tal-ifrat, frisk jew imkessaħ, mingħajr għadam	130 %
0206 10 95	Falda ħoxna u falda rqiqa ta' annimali tal-ifrat iffriżata jew imkessħa (ħlief għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi)	100 %
0202 10 00	Karkassi u nofs karkassi ta' annimali tal-ifrat iffriżati	100 %
0202 20 10	Kwarti "kumpensati" ta' annimali tal-ifrat iffriżati, bil-għadma	100 %
0202 20 30	Kwarti ta' quddiem ta' annimali tal-ifrat mifrudin jew mhux mifrudin iffriżati, bil-għadma	100 %
0202 20 50	Kwarti ta' wara ta' annimali tal-ifrat mifrudin jew mhux mifrudin iffriżati, bil-għadma	100 %
0202 20 90	Qatgħat ta' annimali tal-ifrat iffriżati, bil-għadma (ħlief karkassi u nofs karkassi, kwarti "kumpensati", kwarti ta' quddiem u kwarti ta' wara)	100 %

Linja tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0202 30 10	Kwarti ta' quddiem mingħajr għadma ta' annimali tal-ifrat iffriżati, sħaħ jew maqtugħa f' massimu ta' 5 biċċiet, kull kwart fi blokk waħda (1); kwarti "kumpensati" f'żewġ (2) blokko, waħda fiha l-kwart ta' quddiem, sħiħ jew imqatta' f' massimu ta' 5 biċċiet, u l-oħra, il-kwart ta' wara sħiħ, mingħajr flett, f'biċċa waħda	130 %
0202 30 50	"Crop", qatgħat ta' spalla u skapula u sidra ta' annimali tal-ifrat mingħajr għadma ffriżati	130 %
0202 30 90	Laħam ta' annimali tal-ifrat bla għadam u ffriżat (ħlief kwarti ta' quddiem, sħaħ jew imqattgħin f' massimu ta' ħames biċċiet, kull kwart ikun fi blokk wieħed, kwarti "kumpensati" f'żewġ blokki, li wieħed minnhom fih il-kwart ta' quddiem, sħaħ jew imqattgħin f' massimu ta' ħames biċċiet, u l-kwart l-ieħor ta' wara, minbarra l-flett, f'biċċa waħda)	130 %
0206 29 91	Falda ħoxna u falda rqiqa ta' annimali tal-ifrat iffriżata (ħlief għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi)	100 %
0210 20 10	Laħam ta' annimali tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, bil-għadma	100 %
0210 20 90	Laħam ta' annimali tal-ifrat mingħajr għadma, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat	135 %
0210 99 51	Falda ħoxna u falda rqiqa ta' annimali tal-ifrat tajba għall-ikel, immellħa, fis-salmura, imnixxfa jew affumikata	100 %
0210 99 59	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat (ħlief falda ħoxna u falda rqiqa)	100 %

(b) Kwota Tariffarja stabbilita fil-paragrafi 15:

Linja tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0203 12 11	Ġarretti u qatgħat tagħhom tal-majjal domestiku, bil-għadma, friski jew imkessħin	100 %
0203 12 19	Spalel u qatgħat tagħhom tal-majjal domestiku, bil-għadma, friski jew imkessħin	100 %
0203 19 11	Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom tal-majjal domestiku, friski jew imkessħin	100 %
0203 19 13	Flett u qatgħat tiegħu tal-majjal domestiku, bil-għadma, friski jew imkessħin	100 %
0203 19 15	Żaqq "streaky" u qatgħat tagħha tal-majjal domestiku, friski jew imkessħin	100 %
0203 19 55	Laħam mingħajr għadma tal-majjal domestiku, frisk jew imkessaħ (ħlief żaqq u qatgħat minnha)	120 %
0203 19 59	Laħam tal-majjal domestiku, frisk jew imkessaħ, bil-għadma (ħlief karkassi u nofs karkassi, ġarretti, spalel u qatgħat tagħhom, u truf ta' quddiem, flettijiet, żaqq u qatgħat minnha)	100 %
0203 22 11	Ġarretti u qatgħat tagħhom bil-għadma ffriżati tal-majjal domestiku	100 %
0203 22 19	Spalel u qatgħat tagħhom bil-għadma ffriżati tal-majjal domestiku	100 %

Linja tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0203 29 11	Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom tal-majjal domestiku, iffriżati	100 %
0203 29 13	Flett u qatgħat tiegħu tal-majjal domestiku iffriżati, bil-għadma	100 %
0203 29 15	Żaqq "streaky" u qatgħat tagħha tal-majjal domestiku, iffriżati	100 %
0203 29 55	Laħam mingħajr għadma tal-majjal domestiku iffriżat (ħlief żaqq u qatgħat minnha)	120 %
0203 29 59	Laħam iffriżat tal-majjal domestiku, bil-għadma (ħlief karkassi u nofs karkassi, garretti, spalel u qatgħat tagħhom, u truf ta' quddiem, flettijiet, żaqq u qatgħat minnha)	100 %
0210 11 11	Ġarretti u qatgħat tagħhom tal-majjal domestiku, immellħin jew fis-salmura, bil-għadma	100 %
0210 11 19	Spalel u qatgħat tagħhom tal-majjal domestiku, immellħin jew fis-salmura, bil-għadma	100 %
0210 11 31	Ġarretti u qatgħat tagħhom tal-majjal domestiku, imnixxin jew affumikati, bil-għadma	120 %
0210 11 39	Spalel u qatgħat tagħhom tal-majjal domestiku, imnixxin jew affumikati, bil-għadma	120 %